FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 03 TA' FRAR 2016

Il-Pulizija

(Spettur Norbert Ciappara et)

vs

Leo Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta tal-identita' numru 511483(m) akkuzat talli fl-24 ta' Awissu 2005 gewwa H'Attard u positijiet ohra f'dawn il-gzejjer:

A. kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 ta' l-1984 kif sussegwentement amendat u 40A u 120A u t-Tielet Sked tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att V tal-1985 kif amendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
B. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksir tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
C. fl-istess dati lokalitajiet hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma' kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendat u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu;
D. aktar talli fl-24 ta' Awissu 2005 u matul l-ahhar granet ta' qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksrul-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, iffalsifika biljetti tal-flus kif ukoll mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti ta' flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati – bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap 204 u tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'

E. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtara minghand xi persuna jew ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati – bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kap 204 u l-Artikolu 1 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

F. fl-istess data lok hin u cirkotanzi saq vettura QON111 tal-marka Toyota b'manjiera perikoluza, negligenti u traskurata u bla kont u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2) 18(2) tal-Kap 65.
Il-Prosekuzzjoni tablet sabiex wara li tinstab htija Alex Mallia ikun skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan;

G. fl-istess data hin lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku (Pulizija) fil-qadi ta' dmirijietu – bi ksur tal-Artikolu 383 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

H. matul ix-xahar ta' Frar 2005 u Awissu 2005 biegh jew xort ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjoni li jkollha bhala bazi din ir-raza – bi ksur ta' l-Artikolu 8(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat folio 9 u 10 l-ordni tal-Avukat Generali taht il-Kap 101 u taht il-Kap 31 u l-kontr' ordni flimkien mar-rinviju ghall-gudizzju li nvesta lil din il-Qorti li tisma' u tiddecidi bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali dwar l-akkuzi migjuba kontra l-imputat;

Semghet lill-imputat jghid li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri jirrisultaw filli fil-lejl tal-24 ta' Awissu tas-sena 2005, kienu s-2.15am, l-kuntistabbli 137 u 1567 nnutaw vettura tal-ghamla Toyota numru ta' registrazzjoni QON111 wieqfa f'kantuniera. Nizlin biex jindagaw osservaw vettura ohra quddiemha wkoll wieqfa u persuna bil-wieqfa ma gembha jkellem lis-sewwieq taghha. Il-Pulizija resqu bil-vettura taghhom ghal hdejn il-vettura wieqfa fil-kantuniera u fil-pront raw is-sewwieq taghha jirkeb fiha u jsuq 'l hemm. Intimawlu biex jibqa fejn hu izda l-ordni ma gietx obduta u beda insegwiment. Dan kien ta' ftit minuti u ntemm hesrem meta s-sewwieq tal-vettura li kienet qed tigi insegwita spiccat f'sqaq maghluq. Hawnhekk, is-sewwieq taghha nizel u hareb jigri. Bhala fatt ma nqabadtx izda minn numru ta' registrazzjoni tal-vettura il-Pulizija irrisalit ghall-imputat. Aktar tard, f'dak l-istess lejl, il-Pulizija marru r-residenza fejn kien jghix l-imputat u sabuh f'kamartu bil-qeghdha fuq is-sodda liebes jeans izda minghajr flokk. Sadanittant gew

elevati l-affarjiet li kien hemm gewwa din l-vettura. Dwar dan xehed Ps1122 (folio 87et seq) li qal li l-bieba tat-Toyota de quo kienet miftuha bic-cavetta fl-ignition. Kien hemm fuq is-seat ta' quddiem tal-passiggier kaxxa tal-kartun b'karti ta' ghaxar liri fiha, zewg telefons cellulari u portafol tal-irgiel, wkoll xi boroz u oggetti ta' gojjellerija; fuq is-seat ta' wara kien hemm kaxxa ohra b'diversi grossos sigaretti tal-marka Rothmans blu u homor u f'din il-kaxxa, ohra izghar tal-metal b'karti u muniti ta' flus lokali, Dan jinsab konfermat b'aktar esattezza mir-rapport tas-SOCO (folio 136) li kienu nominati fl-inkjesta koncernanti l-imsemmija vettura Toyota.

Intant, l-imputat huwa akkuzat b'diversi reati li ser jigu trattati skond is-suggett taghhom unikament b'referenza ghall-fatti risultanti; gew skartati ghall-kollox l-istqarrijiet talvolta rilaxxjati mill-imputat jew addirittura xi diskors li hu rrappurtat li setgha qal meta kien gja arrestat.

Ikkonsidrat:

Trattati l-akkuzi li jikkoncernaw id-droga, l-ewwel tlett akkuzi u l-ahhar wahda, s-sustanzi illeciti li hemm referenza ghalihom huma l'ecstasy, il-kokajina u l-kannabis, Jirrizulta pruvat pero' li s-sustanza suspettata li kienet kokajina kienet fil-fatt il-medicinali 'paracetamol' li m'hiex medicinali ikkontrollata bil-ligi. Ghall-kuntrarju s-sustanza suspettata kannabis irrisultat tali u wkoll l-pilloli suspettati ecstasy. Fil-konfront taghhom jirrisulta mill-provi li:

- f'tfittxija li saret f'fabbrika tal-ghamara maghrufa bhala 'Zodiac Furniture' annessa mal- fond residenzjali numru 10, Triq Notabile, Attard (fejn kien u presumilbilment ghadu jabita l-imputat], gewwa armadju nstabet sustanza kannella li tat risultat posittiv li kienet kannabis f'ammont nett ta' 32.294 grammi;
- idem il-qartas elevat f'tfittxija fil-gabbana jisimha 'Zodiac Kiosk' sita The Strand, Sliema, dak iz-zmien gestita mill-imputat wahdu;
- imbaghad fil-vettura nstabet aktar minn sustanza wahda ta'droga senjatament ecstasy u raza tal-kannabis li fir-rigward taghhom l-espert forensiku debitament nominat jistqarr (referenza folio 166 sa 179 tal-process) li huwa ezamina u ghamel analizi ta' blokka ta' sustanza kannella elevata minn gewwa kaxxa tal-marka "Heineken", u wkoll blokka tal- istess kulur elevata minn gewwa kontenitur bla ghatu, kif ukoll fuq kwantita' ta' pilloli li kienu fl-imsemmi kontenitur u wkoll f'numru ta' boroz tal-plastika, Mill-ezami u annalizi l-pilloli f'total ta' 730 irrisultaw li huma ecstasy waqt li il-blokkok ta' sustanza kannella irrlsultaw fi droga kannabis b'purita' ta' circa 8.8%. Irrisultaw wkoll tracci tal- istess droga fuq sikkina li kienet giet wkoll elevata mill-vettura;

Fil-konfront tal-akkuza tat-traffikar tar-raza tal-kannabis [lt-tmien akkuza] il-provi huma cirkoskritti f'stqarrijlet rilaxxjati minn certi Stephen Frendo (folio 674 et seq] u Jonathan Lee Borg (folio 699 et seq], liema stqarrijlet ittiehdu mlnghand l-imsemmija persuni taht l-Artikolu 30A tal-Kap 101. Dan il-fatt 'per se'. ossija ta' stqarrija rilaxxjata u konfermata bil-gurament quddiem Magistrat, konfermat mill-processi verbali redatti mill-Magistrat fiz-zewg istanzi, jidher li hu bizzejjed biex jaghmel prova minghajr il-bzonn li minn stqarr jigi prodott bhala xhud. Fi kliem iehor jidher mill-fuq citat artikolu li l-istqarrija hija wahedha ammissibbli bhala prova. Fuq il-fatt pero' li propju f'din il-kawza l-imsemmi Stephen Frendo li xehed viva voce u

irrittratta, fatt li jgeghel lill-Qorti tqis din il-prova b'cirkospezzjoni, anke minhabba ramifikazjonijiet kostituzzjonali,

Intant, il-pussess ta' din is-sustanza tirrizulta minghajr dubbju u skond ma xehed l-ispizjar Mario Mifsud (folio 865) kemm fil-konfront tal-ecstasy u kemm fil-konfront tal-kannabis, tal-ewwel f'ammont ta' 730 pillola u it-tieni f'total ta' 61.94 grarnmi l-valur taghhom gie ddikjarat f' €7577.

Ikkonsidrat:

Fil-konfront tal-akkuzi l-ohra.

- dawk maghmula taht il-Kap 204 - Att dwar il-Bank Centrali - jirrizulta' li l-flus konsistenti f'karti ta' flus ta' Lml0 (wahda] u Lm2 [erbatax] huma kollha foloz (folio 463 tar-relazzjoni tal-espert Dr.Martin Bajada] b'daqstant li hu pruvat il-pussess taghhom da parti tal-imputat izda mhux l-rnanifattura jew l-ispacc; tirrisulta ghaldaqstant r-reita' taht l-Artikolu 46 izda mhux 45 tac-citat Kap 204;
- dwar l-akkuza li saq vettura tal-marka Toyota numru ta' registrazzjoni QON 111 b'manjiera perikoluza, negligenti, traskurata u bla kont mix-xhieda taz-zewg pulizija, senjatament Pc137 (folio48) u Pc1567 [Patrick Fenech] l-Qorti hi u tiddikjara li rn'ghandhiex l-icken dubbju li l-vettura kienet qed tigl rnisjuqa mill-imputat li kien wahdu; hi wkoll tal-fehma li s-sewqan huwa kwalifikabbli bhala perikuluz, traskurat u negligenti stante l-insegwiment li segwa l-harba tal-imputat minn fuq il-post;
- dwar l-offiza kontravenzjonali din ukoll tirrizulta pero', f'kull kaz, hija newtralizzata bl- Artikolu 17( d) tal-Kap 9;

Ikkonsidrat:

Salv dak fuq inghad l-imputat hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Qabel pero' ma' l-Qorti tghaddi biex tinfliggi l-piena s-segwenti osservazzjoni hi dovuta:

- li l-kawza hadet l-isbah ghaxar snin biex waslet ghad-decizjoni tal-lum ghal liema dewmiem hu principalment responsabbli l-Avukat Generali stante l-indecizjoni tieghu dwar liema Qorti, jekk hiex dik Kriminali jew din il-Qorti tal-Magistrati, kellha tigi rimessa biex tigi deciza; fatt dan li fil-fehma ta' din il-Qorti jiggustiflka l-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap 9 konsiderat li f'dan l-intervall l-imputat irrikonoxxa li gharnel hazin kif jidher fic-car mir-rapporti tal-ufficjal tal-probation.

Ghalhekk, rat l-Artikoli 22(b)(i)(ii) tal-Kap 101, Artikolu 120A(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 31, l-Artikolu 46 tal-Kap 204. l-Artikolu 15 tal-Kap 65 - ilkoll kif applikabbli fid-data tar-reat-- u Artikolu 338(ee},17(b)(d)(h) u 21 tal-Kap 9.

Rat r-rapport tal-ufficjal tal-probation.

Qieset it-tul taz-zmien esagerat li l-kawza baqghet pendenti,

Tikkundannah dlsa xhur prigunerija u multa ta' €300.

Tordna l-konfiska tal- vettura Toyota QON111 u l-konfiska u distruzzjoni tad-droga in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal sena mill-lum

Takkolji r-rikomandazzjoni tal-ufficjal tal-probation u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs Ii l-imputat jinghata l-ghajnuna necessarja ghal fini li titkompla r-rijabllitazzjont tieghu.

A.M.Trigona
Magistrat